C/2023/379

20.10.2023

Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(C/2023/379)

Wara l-pubblikazzjoni ta' Notifika ta' skadenza imminenti ([1]) tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "RPĊ"), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami skont l- Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([2]) ("ir-Regolament bażiku").

1. Talba għal rieżami

It-talba tressqet fid-19 ta' Lulju 2023 mill-Koalizzjoni kontra importazzjonijiet inġusti ta' tajers ("l-applikant") f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku.

Verżjoni miftuħa tat-talba u l-analiżi ta' kemm il-produtturi tal-Unjoni sostnew it-talba jinsabu fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati. It-Taqsima 5.6 ta' din in-Notifika tipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess għall-fajl mill-partijiet interessati.

2. Il-prodott rieżaminat

Il-prodott soġġett għal dan ir-rieżami huwa ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 ("il-prodott rieżaminat), li bħalissajaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4011 20 90 u ex 4012 12 00 (kodiċi TARIC 4012 12 00 10). Il-kodiċijiet NM u TARIC huma pprovduti għall-fini ta' informazzjoni biss mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja.

3. Miżuri eżistenti

Il-miżuri fis-seħħ bħalissa huma dazji anti-dumping definittivi imposti bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2018/1579 ([3]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/737 ([4]).

Il-miżuri kompensatorji fuq l-istess prodott li joriġina fil-pajjiż ikkonċernat jinsabu fis-seħħ. Il-miżuri kompensatorji ġew imposti mill-Kummissjoni bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2018/1690 ([5]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/738 ([6]).

([1]) ĠU C 29, 26.1.2023, p. 45.
([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 263, 22.10.2018, p. 3).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/737 tal-4 ta' April 2023 li jimponi mill-ġdid dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi magħquda T-30/19 u T-72/19 (ĠU L 96, 5.4.23, p. 9)
([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 tad-9 ta' Novembru 2018 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi ġodda jew b'wiċċ ġdid, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet u b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1579 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, tat-tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/163 (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1).
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/738 tal-4 ta' April 2023 li jimponi mill-ġdid dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tajers pnewmatiċi, ġodda jew b'wiċċ ġdid, tal-lastiku, ta' tip użat għall-karozzi tal-linja jew għat-trakkijiet, b'indiċi tat-tagħbija li jaqbeż il-121 li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi magħquda T-30/19 u T-72/19 (ĠU L 96, 5.4.2023, p.45).

4. **Raġunijiet għar-rieżami**

It-talba hija msejsa fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx tirriżulta fil-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dumping u fil-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

4.1. *Allegazzjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dumping*

L-applikant sostna li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fir-RPĊ - u dan minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

Biex jissostanzja l-allegazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti, l-applikant qagħad fuq l-informazzjoni fir-rapport tal-pajjiż prodott mis-servizzi tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq fir-RPĊ ([7]). L-applikant għamel bosta referenzi dwar id-distorsjonijiet eżistenti u l-preżenza tal-istat b'mod ġenerali (jiġifieri l-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà, u d-distorsjonijiet fir-rigward tal-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u x-xogħol) u b'mod aktar speċifiku fl-industrija tat-tajers, kif ukoll fl-industriji relatati upstream (jiġifieri petrokimiċi, lastiku naturali, azzar, u tessuti) u downstream (jiġifieri trakkijiet u karozzi tal-linja).

Barra minn hekk, l-applikant jirreferi għall-"14-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali u l-Objettivi fuq Distanza Twila għall-2035 ([8])", l-"Opinjonijiet ta' Gwida tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u l-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment tar-Riforma tal-Intrapriżi tal-Istat, ([9]) ir-"Regolamenti dwar il-Ħidma tal-Organizzazzjonijiet fil-Livell taċ-Ċittadini tal-Intrapriżi tal-Istat tal-Partit Komunista Ċiniż (għall-Implimentazzjoni tal-Provi) ([10])', l- 'Erbatax-il Pjan ta' Ħames Snin għall-iżvilupp tal-industrija tal-materja prima', mill-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija Ministeru tar-Riżorsi Naturali" ([11]), il-linji gwida għall-"14-il Pjan ta'Ħames Snin "Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija tal-Lastiku ([12]), l-"Opinjonijiet ta' Gwida tat-Tliet Ministeri u Kummissjonijiet dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ħadid u l-Azzar" ([13]), "The Road Less Travelled. European Involvement in China's Belt and Road Initiative" ([14]), "Beyond the Myths – Towards a Realistic Assessment of China's Belt and Road Initiative: The Development-Finance Dimension" ([15]), bosta artikli tal-istampa, rapporti u pubblikazzjonijiet, kif ukoll is-sejbiet tal-Kummissjoni minn diversi investigazzjonijiet preċedenti.

Ir-rapport tal-pajjiż jinsab fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ ([16]).

([7]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Finijiet tal-Investigazzjonijiet għad-Difiża tal-Kummerċ, 20 ta' Diċembru 2017, SWD(2017) 483 final/2, disponibbli fuq: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/ tradoc_156474.pdf.

([8]) Iċ-Ċentru Universitarju Georgetown għas-Sigurtà u t-Teknoloġija Emerġenti, 'Traduzzjoni: Deskrizzjoni tal-14-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali u l-Objettivi fuq Distanza Twila għall-2035 tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina', paġna 46, 13 ta' Mejju 2021, https://cset.georgetown.edu/wp-content/uploads/t0284_14th_Five_Year_Plan_EN.pdf.

([9]) Opinjonijiet ta' Gwida tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina u l-Kunsill tal-Istat dwar l-Approfondiment tar-Riforma tal-Intrapriżi tal-Istat, Il-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista taċ-Ċina, Settembru 2015, www.law-lib.com/LAW/law_view.asp?id=507433.

([10]) L-Uffiċċju Ġenerali tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż joħroġ mir-Regolamenti dwar il-Ħidma ta' Organizzazzjonijiet fil-livell taċ-Ċittadini tal-Intrapriżital-Istat tal-Partit Komunista Ċiniż (għall-Implimentazzjoni tal-Prova), il-Kumitat Ċentrali tas-CCP, Jannar 2020, interpret.csis.org/translations/the-central-committee-of-the-communist-party-of-china-issues-the-regulations-on-the-work-of-grassroots-organizations-of-state-owned-enterprises-of-the-communist-party-of-china-for-trial-implementatio/.

([11]) "L-Erbatax-il Pjan ta' Ħames Snin" għall-iżvilupp tal-industrija tal-materja prima, il-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni, il-Ministeru tax-Xjenza u t-Teknoloġija, il-Ministeru tar-Riżorsi Naturali. L-14-il FYP għall-Iżvilupp tal-Industrija tal-Materja Prima — Politiki — AIE.

([12]) Linji gwida għat- "14-il Pjan ta' Ħames Snin" tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija tal-Lastku, Novembru 2020.

([13]) Opinjonijiet ta' Gwida tat-Tliet Ministeri u Kummissjonijiet dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Ħadid u l-Azzar, il-Ministeru tal-Industrija u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni Lianyuan, Jannar 2022.

([14]) Il-Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni Ewropea fiċ-Ċina, "The Road Less Travelled. European Involvement in China's Belt and Road Initiative", 2020.

([15]) IISS, Beyond the Myths – Towards a Realistic Assessment of China's Belt and Road Initiative: The Development-Finance Dimension, March 2020, www.iiss.org/globalassets/media-library—content–migration/files/research-papers/bri-report-one_beyond-the-myths_-development-finance—updated.pdf.

([16]) Id-dokumenti msemmija fir-rapport tal-pajjiż jistgħu jinkisbu wkoll wara talba motivata kif xieraq.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, l-allegazzjoni ta' kontinwazzjoni ta' dumping mir-RPĊ kienet ibbażata fuq tqabbil ta' valur normali maħdum fuq il-bażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew punti ta' riferiment mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, mal-prezz tal-esportazzjoni (fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika) tal-prodott taħt rieżami meta jinbiegħ lill-Unjoni. Dan it-tqabbil juri dumping.

L-applikant jallega wkoll li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ir-rikkorenza ta' dumping mir-RPĊ, abbażi tal-eżistenza ta' kapaċità mhux użata fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

4.2. *Allegazzjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu*

L-applikant jallega probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu mill-pajjiż RPĊ. F'dan ir-rigward l-applikant ta biżżejjed evidenza li turi li jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-livell attwali ta' importazzjoni tal-prodott taħt rieżami miċ-Ċina (il-pajjiż ikkonċernat) lejn l-Unjoni x'aktarx li jiżdied minħabba l-eżistenza ta' kapaċità mhux użata fir-RPĊ, li ma jkunx jista' jsir bejgħ lil swieq ta' pajjiżi terzi minħabba diversi miżuri kummerċjali, u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni fir-rigward tal-livell ta' prezzijiet tiegħu.

Barra minn hekk, l-evidenza li ngħatat mill-applikant turi li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni baqgħu sinifikanti f'termini assoluti u f'termini ta' ishma mis-suq.

Barra minn hekk, l-evidenza li ngħatat turi li l-volum u l-prezzijiet tal-prodott importat taħt rieżami kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq il-kwantitajiet mibjugħa u fuq is-sehem tas-suq li l-industrija tal-Unjoni kellha fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, li rriżulta f'effetti negattivi fuq il-prestazzjoni ġenerali u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-evidenza li ngħatat mill-applikant turi li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, kwalunkwe żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat x'aktarx li twassal għall-issoktar jew ir-rikorrenza ta' dannu ulterjuri għall-industrija tal-Unjoni.

5. **Proċedura**

Wara li ddeterminat, b'segwitu għal konsultazzjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li teżisti biżżejjed evidenza ta' probabbiltà ta' dumping ([17]) u dannu biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni b'dan tagħti bidu għal rieżami f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

Ir-rieżami ta' skadenza jiddetermina jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri twassal għall-kontinwazzjoni jew għar-rikorrenza tad-dumping tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ u għall-kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni tiġbed ukoll l-attenzjoni tal-partijiet dwar in-Notifika ([18]) ppubblikata dwar il-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-investigazzjonijiet anti-dumping u antisussidji li jkunu jistgħu japplikaw għal dan il-proċediment.

5.1. *Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu kkunsidrat*

L-investigazzjoni dwar il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu se jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

([17]) Fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis li hemm biżżejjed provi li jissuġġerixxu li, minħabba li hemm distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet, l-użu ta' prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż ikkonċernat mhuwiex xieraq, u dan jirrikjedi li jingħata bidu għal investigazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

([18]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020XC0316%2802%29

5.2. *Kummenti dwar it-talba u l-bidu tal-investigazzjoni*

Il-partijiet interessati kollha li jixtiequ jikkummentaw dwar it-talba (inklużi l-kwistjonijiet relatati mal-kontinwazzjoni jew mar-rikorrenza tad-dannu) jew dwar kwalunkwe aspett li jirrigwarda l-bidu tal-investigazzjoni (inkluż il-livell ta' sostenn għat-talba) iridu jagħmlu dan fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([19]).

Kwalunkwe talba għal seduta ta' smigħ fir-rigward tal-bidu tal-investigazzjoni trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.3. *Proċedura biex tinħadem il-probabbiltà li d-dumping jibqa' għaddej jew jerġa' jibda*

F'rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni teżamina l-esportazzjonijiet li saru lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u, irrispettivament mill-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, tqis jekk is-sitwazzjoni tal-kumpaniji li jipproduċu u jbigħu l-prodott taħt rieżami fil-pajjiż ikkonċernat hijiex tali li l-esportazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni x'aktarx ikomplu jew jirrikorru jekk il-miżuri jiskadu.

Għalhekk, il-produtturi kollha ([20]) tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat, inkluż dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni(jiet) li wasslet/wasslu għall-miżuri fis-seħħ, huma mistednin jipparteċipaw fl-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

5.3.1. Investigazzjoni tal-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat

Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi fir-RPĊ li huma involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex tlesti l-investigazzjoni sal-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-produtturi li jridu jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk ikunx meħtieġ kampjunar, u jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, il-produtturi kollha, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu għan-nom tagħhom, inkluż dawk li ma jkunux ikkooperaw fl-investigazzjoni li twassal għall-miżuri li huma s-suġġett tar-rieżami preżenti, b'dan qed jintalbu jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-kumpaniji tagħhom fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tingħata permezz ta' TRON.tdi f'dan l-indirizz:

https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi/form/R802_SAMPLING_FORM_FOR_EXPORTING_PRODUCER

L-informazzjoni dwar l-aċċess għal TRON tinsab fit-Taqsimiet 5.6 u 5.9 ta' hawn taħt.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' produtturi, il-Kummissjoni se tikkuntattja wkoll lill-awtoritajiet tar-RPĊ u tista' tikkuntattja lil kwalunkwe assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, il-produtturi jintgħażlu fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni, bejgħ jew esportazzjonijiet li jista' raġonevolment jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Il-produtturi kollha magħrufa fir-RPĊ, l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat u l-assoċjazzjonijiet tal-produtturi se jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni, permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat jekk ikun xieraq, dwar il-kumpaniji li jintgħażlu għall-kampjun.

Ladarba l-Kummissjoni tkun irċeviet l-informazzjoni meħtieġa biex tagħżel kampjun ta' produtturi, hija tinforma lill-partijiet ikkonċernati bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk ikunux ġew inklużi fil-kampjun. Il-produtturi fil-kampjun ikollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni żżid nota dwar l-għażla tal-kampjun fil-fajl li jistgħu jikkonsultaw il-partijiet interessati. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tliet (3) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

([19]) Ir-referenzi kollha għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika se jkunu referenzi għall-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

([20]) Produttur huwa kwalunkwe kumpanija fil-pajjiż ikkonċernat li tipproduċi l-prodott taħt rieżami, inkluża kwalunkwe kumpanija relatata magħha involuta fil-produzzjoni, fil-bejgħ domestiku jew fl-esportazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami.

Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2687

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-kumpaniji li jkunu qablu mal-possibbiltà li jiġu inklużi fil-kampjun iżda li ma jintgħażlux se jitqiesu daqslikieku kkooperaw.

5.3.2. Proċedura addizzjonali fir-rigward tar-RPĊ li hija soġġetta għal distorsjonijiet sinifikanti

Fir-rispett tad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jagħtu evidenza ta' sostenn dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati kollha biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-inputs u l-kodiċijiet tas-Sistema Armonizzata (SA) mogħtija fit-talba ([21]), jipproponu pajjiż(i) rappreżentattiv (i) xieraq/xierqa u jipprovdu l-identità tal-produtturi tal-prodott taħt rieżami f'dawk il-pajjiżi. Din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

Skont il-punt (e) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, ftit wara l-bidu tal-investigazzjoni, permezz ta' nota fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati, tinforma lill-partijiet fl-investigazzjoni dwar is-sorsi rilevanti li tkun beħsiebha tuża għall-ikkalkolar tal-valur normali fil-PRC skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Dan ikopri s-sorsi kollha, inkluż l-għażla ta' pajjiż terz rappreżentattiv adegwat rappreżentattiv fejn ikun xieraq. Il-partijiet fl-investigazzjoni għandhom jingħataw għaxart (10) ijiem mid-data li fiha dik in-nota tiżdied fil-fajl, sabiex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, f'dan il-każ il-Brażil huwa pajjiż terz rappreżentattiv possibbli għar-RPĊ. Bil-għan li finalment tagħżel pajjiż terz rappreżentattiv xieraq, il-Kummissjoni teżamina jekk ikunx hemmx pajjiżi b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħar-RPĊ, li fihom isiru l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott soġġett għal rieżami u li jkollhom id-*data* rilevanti disponibbli minnufih. Jekk ikun hemm aktar minn pajjiż wieħed bħal dan, tingħata preferenza, fejn ikun xieraq, lill-pajjiżi b'livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

Fir-rigward tas-sorsi rilevanti, il-Kummissjoni tistieden lill-produtturi kollha fir-RPĊ biex jagħtu informazzjoni dwar il-materjali (materja prima u pproċessata) u l-enerġija użati fil-produzzjoni tal-prodott soġġett għal rieżami fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Din l-informazzjoni trid tingħata permezz ta' TRON.tdi f'dan l-indirizz:

https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi/form/R802_INFO_ON_INPUTS_FOR_EXPORTING_PRODUCER_FORM

L-informazzjoni dwar l-aċċess għal TRON tinsab fit-Taqsimiet 5.6 u 5.9 ta' hawn taħt.

Barra minn hekk, kwalunkwe sottomissjoni ta' informazzjoni biex jiġu vvalutati l-kostijiet u l-prezzijiet skont il-punt (a) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku trid issir fi żmien 65 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Tali informazzjoni fattwali tista' tittieħed biss minn sorsi disponibbli pubblikament.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis li għandha bżonn għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni toffri kwestjonarju lill-Gvern tar-RPĊ.

([21]) Informazzjoni dwar il-kodiċijiet SA tingħata wkoll fis-sommarju eżekuttiv tat-talba għal rieżami, li huwa disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2687

5.3.3. Investigazzjonijiet fuq l-importaturi mhux relatati ([22]) ([23])

L-importaturi mhux relatati tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni, inklużi dawk li ma jkunux ikkooperaw fl-investigazzjoni li tkun wasslet għall-miżuri fis-seħħ, huma mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni.

Minħabba l-għadd kbir potenzjali ta' importaturi li mhumiex relatati involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex l-investigazzjoni titlesta fl-iskadenzi statutorji, il-Kummissjoni tista' tillimita l-għadd ta' importaturi li mhumiex relatati li se jiġu investigati għal għadd raġonevoli billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar se jsir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk huwiex meħtieġ il-kampjunar, u jekk dan ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati, jew ir-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, inkluż dawk li ma kkooperawx fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri soġġetti għal dan ir-rieżami, qegħdin b'dan jintalbu jippreżentaw lilhom infushom lill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet iridu jagħmlu dan fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika billi jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-kumpanija/i tagħhom, kif mitlub fl-Anness ta' din in-Notifika.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li jidhrilha li hija meħtieġa għall-għażla tal-kampjun ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni tista' tikkuntattja lil xi assoċjazzjonijiet ta' importaturi magħrufa.

Jekk ikun meħtieġ kampjun, l-importaturi jistgħu jintgħażlu fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' bejgħ tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat fl-Unjoni li jista' raġonevolment jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-importaturi mhux relatati magħrufa kollha u lill-assoċjazzjonijiet magħrufa ta' importaturi kollha dwar il-kumpaniji li jkunu ntgħażlu bħala parti mill-kampjun.

Il-Kummissjoni żżid ukoll nota dwar l-għażla tal-kampjun fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati. Kull kumment dwar l-għażla tal-kampjun irid jasal fi żmien tliet (3) ijiem mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar il-kampjun.

Sabiex tikseb informazzjoni li tqis bħala meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se toffri kwestjonarji lill-importaturi mhux relatati fil-kampjun. Dawn il-partijiet iridu jibagħtu kwestjonarju mimli fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tal-għażla tal-kampjun, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja tal-kwestjonarju għall-importaturi mhux relatati hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2687

5.4. *Proċedura għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu u għall-investigazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni*

Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni tistieden lill-produttur tal-Unjoni tal-prodott taħt rieżami biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

([22]) L-importaturi li mhumiex relatati ma' produtturi fil-pajjiż ikkonċernat biss jistgħu jiddaħħlu fil-kampjun. L-importaturi li huma relatati mal-produtturi jridu jimlew l-Anness I tal-kwestjonarju f'isem dawn il-produtturi. F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-isthma bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

([23]) Id-data mogħtija minn importaturi mhux relatati tista' tintuża wkoll b'rabta ma' aspetti oħra ta' din l-investigazzjoni apparti minn biex jiġi stabbilit id-dumping.

Minħabba li hemm għadd kbir ta' produtturi tal-Unjoni involuti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, u sabiex ittemm l-investigazzjoni fil-limiti ta' żmien statutorji, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita għal għadd raġonevoli l-produtturi tal-Unjoni li se jiġu investigati billi tagħżel kampjun (dan il-proċess jissejjaħ ukoll "kampjunar"). Il-kampjunar isir f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Il-Kummissjoni għażlet kampjun proviżorju ta' produtturi tal-Unjoni. Id-dettalji jinsabu fil-fajl li jista' jiġi kkonsultat mill-partijiet interessati.

Il-partijiet interessati huma b'dan mistednin jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Barra minn hekk, produtturi oħrajn tal-Unjoni, jew rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom, inkluż il-produtturi tal-Unjoni li ma jkunux ikkooperaw fl-investigazzjoni(jiet) li tkun wasslet/jkunu wasslu għall-miżuri fis-seħħ, li jqisu li hemm raġunijiet għaliex jenħtieġ li jkunu inklużi fil-kampjun iridu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien sebat ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Il-kummenti kollha dwar il-kampjun proviżorju jridu jaslu fi żmien sebat (7) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Il-Kummissjoni se tinnotifika lill-produtturi u/jew lill-assoċjazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni magħrufin kollha bil-kumpaniji li finalment ikunu ntgħażlu biex ikunu fil-kampjun.

Il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ikollhom jippreżentaw kwestjonarju komplut fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-inklużjoni tagħhom fil-kampjun, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Kopja tal-kwestjonarju għall-produtturi tal-Unjoni hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2687.

5.5. *Proċedura għall-valutazzjoni tal-interessi tal-Unjoni*

Jekk tiġi kkonfermata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u dannu, titħaded deċiżjoni, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, dwar jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

Il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi rappreżentattivi huma mistiedna jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-interessi tal-Unjoni.

L-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-interessi tal-Unjoni trid tiġi pprovduta fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta jew f'format ħieles jew inkella billi jiġi komplut kwestjonarju mħejji mill-Kummissjoni.

Kopja tal-kwestjonarji, inkluż il-kwestjonarju għall-utenti tal-prodott taħt rieżami, hija disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Kummerċ https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2687.

Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku titqies biss jekk, meta tiġi ppreżentata, tkun sostnuta b'evidenza fattwali li tissostanzja l-validità tagħha.

5.6. *Partijiet interessati*

Sabiex jieħdu sehem fl-investigazzjoni, il-partijiet interessati, bħall-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, l-utenti u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur rappreżentattivi, l-ewwel iridu juru li hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Il-produtturi fil-pajjiż ikkonċernat, il-produtturi tal-Unjoni, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li rendew disponibbli informazzjoni f'konformità mal-proċeduri deskritti fit-taqsimiet 5.3.1, 5.3.3 u 5.4.1 jiġu kkunsidrati bħala partijiet interessati jekk ikun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami.

Partijiet oħra jkunu jistgħu jipparteċipaw biss fl-investigazzjoni bħala parti interessata mill-mument li jippreżentaw lilhom infushom, u dment li jkun hemm rabta oġġettiva bejn l-attivitajiet tagħhom u l-prodott taħt rieżami. Li parti titqies bħala parti interessata huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

L-aċċess għall-fajl disponibbli għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati jsir permezz ta' Tron.tdi f'dan l-indirizz: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI. Jekk jogħġbok segwi l-istruzzjonijiet fuq din il-paġna għall-aċċess ([24]).

5.7. *Sottomissjonijiet oħrajn bil-miktub*

Soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din in-Notifika, il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jesprimu l-opinjonijiet tagħhom, jippreżentaw l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, tali informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika.

5.8. *Possibbiltà ta' seduta ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet kollha interessati jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba kif ukoll sommarju ta' dak li l-parti interessata tixtieq tiddiskuti matul is-seduta. Is-smigħ ikun limitat għall-kwistjonijiet stabbiliti bil-miktub minn qabel mill-partijiet interessati.

Fil-prinċipju, is-seduti ma jintużawx biex tiġi ppreżentata informazzjoni fattwali li tkun għadha mhijiex fil-fajl. Madankollu, fl-interess tal-amministrazzjoni tajba u sabiex is-servizzi tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jimxu "l quddiem l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jistgħu jintalbu jipprovdu informazzjoni fattwali ġdida wara smigħ.

5.9. *Struzzjonijiet għal sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza*

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew data li tkun soġġetta għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu li l-Kummissjoni a) tuża l-informazzjoni u d-*data* għall-fini ta' dan il-proċediment għad-difiża tal-kummerċ u b) tipprovdi l-informazzjoni u/jew id-*data* lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, fosthom l-informazzjoni mitluba f'din in-Notifika, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li għalihom jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jiġu mmarkati bħala '*Sensitive*' ([25]). Il-partijiet li jippreżentaw informazzjoni waqt din l-investigazzjoni huma mistednin jagħtu raġunijiet għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

Il-partijiet li jipprovdu informazzjoni 'Sensitive' huma mitluba jipprovdu sommarji mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati *'For inspection by interested parties'* (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Dawn is-sommarji jridu jkunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli. Jekk parti li tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali tonqos milli tagħti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u tal-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali informazzjoni sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li l-informazzjoni hija korretta.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI) inklużi t-talbiet biex il-partijiet interessati jiġu rreġistrati bħala tali kif ukoll il-prokuri u d-dokumenti ta' ċertifikazzjoni skennjati. Meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument 'CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES' (KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJIET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ) ippubblikat fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: https://circabc.europa.eu/ui/group/2e3865ad-3886-4131-92bb-a71754fffec6/library/8b8ed0a2-9f75-4195-bf72-7f7c62b9ae4f/details. Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefon u indirizz validu tal-posta elettronika u jenħtieġ li jiżguraw li l-indirizz tal-

([24]) F'każ ta' problemi tekniċi kkuntattja lis-servizz ta' assistenza tad-DĠ Kummerċ permezz ta' email lil trade-service-desk@ec.europa.eu jew bit-telefown +32 22979797.

([25]) Dokument '*Sensitive*' huwa dokument li jitqies kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

posta elettronika li jagħtu jkun indirizz kummerċjali uffiċjali tal-posta elettronika li jiffunzjona u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jiġu pprovduti d-dettalji ta" kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz ta' TRON.tdi jew tal-posta elettronika biss, dment li ma jitolbux espliċitament li jirċievu d-dokumenti kollha mingħand il-Kummissjoni b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li jrid jintbagħat ma tkunx tirrikjedi l-użu tal-posta rreġistrata. Għal regoli u għal informazzjoni oħra dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni, inklużi l-prinċipji li japplikaw għall-preżentazzjonijiet bi TRON.tdi u bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ
Id-Direttorat G
Uffiċċju: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

TRON.tdi: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/tdi

Posta elettronika rigward aspetti ta' dumping: TRADE-R802-TYRES-DUMPING@ec.europa.eu

Posta elettronika rigward dannu u l-interessi tal-Unjoni: TRADE-R802-TYRES-INJURY@ec.europa.eu

6. **Skeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni għandha normalment tiġi konkluża fi żmien 12-il xahar, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku.

7. **Preżentazzjoni ta' informazzjoni**

Bħala regola, il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw biss l-informazzjoni fil-perjodi ta' żmien speċifikati fit-Taqsima 5 ta' din in-Notifika.

Sabiex l-investigazzjoni titlesta fl-iskadenzi mandatorji, il-Kummissjoni ma taċċettax iktar preżentazzjonijiet mingħand il-partijiet interessati wara l-iskadenza għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali jew, jekk ikun applikabbli, wara l-iskadenza għal kummenti dwar id-divulgazzjoni finali addizzjonali.

8. **Possibbiltà għal kummenti dwar is-sottomissjonijiet ta' partijiet oħra**

Sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tad-difiża, jenħtieġ li l-partijiet interessati jkollhom il-possibbiltà jikkummentaw dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati oħra. Meta jagħmlu dan, il-partijiet interessati jistgħu biss jindirizzaw kwistjonijiet imqajma fil-preżentazzjonijiet tal-partijiet interessati l-oħra u ma jistgħux iqajmu kwistjonijiet ġodda.

Jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għad-divulgazzjoni tas-sejbiet definittivi, jiġu ppreżentati fi żmien ħamest (5) ijiem mill-iskadenza għal kummenti dwar is-sejbiet definittivi, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Jekk ikun hemm divulgazzjoni finali addizzjonali, jenħtieġ li l-kummenti dwar l-informazzjoni pprovduta minn partijiet interessati oħra b'reazzjoni għal din id-divulgazzjoni l-oħra jsiru fi żmien ġurnata (1) mill-iskadenza għall-kummenti dwar din id-divulgazzjoni l-oħra, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor.

L-iskeda ta' żmien indikata hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Kummissjoni li titlob għal informazzjoni addizzjonali mingħand il-partijiet interessati f'każijiet ġustifikati kif xieraq.

9. **Estensjoni tal-iskadenzi speċifikati f'din in-Notifika**

Jenħtieġ li kull estensjoni fl-iskadenzi prevista f'din in-Notifika jiġu rikjesti f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni u jingħataw biss jekk ikunu debitament ġustifikati. Fi kwalunkwe każ, kull estensjoni fl-iskadenza tar-risposta għall-kwestjonarji se tkun limitata għal tlett (3) ijiem, u bħala regola ma taqbiżx is-sebat (7) ijiem. Rigward l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni oħra speċifikata fin-Notifika ta' Bidu, l-estensjonijiet se jkunu limitati għal tlett (3) ijiem dment li ma jintweriex li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali.

10. **Nonkooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fl-iskadenzi stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, il-konstatazzjonijiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata, u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss, u għalhekk il-konstatazzjonijiet ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas ta' tweġiba kompjuterizzata ma għandux jiġi kkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, dment li l-parti interessata turi li l-preżentazzjoni tat-tweġiba kif mitlub tkun tirriżulta f'piż żejjed mhux raġonevoli jew f'kost addizzjonali mhux raġonevoli. Jenħtieġ li l-parti interessata tikkuntattja lill-Kummissjoni minnufih.

11. **Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim fir-rigward tal-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-iskadenzi u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u tal-partijiet terzi li tista' tinqala' waqt il-proċediment.

L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smigħ u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jiġu eżerċitati bis-sħiħ. Talba għal smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta jenħtieġ li ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Dawn is-seduti ta' smigħ jenħtieġ li jsiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u bla dewmien sabiex ma xxekkilx l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-partijiet interessati jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' jkun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati barra mill-perjodi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.

Għal iktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Smigħ fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://policy.trade.ec.europa.eu/contacts/hearing-officer_mt.

12. **Possibbiltà li jintalab rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku**

Billi dan ir-rieżami ta' skadenza qed jinbeda f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-konstatazzjonijiet tiegħu ma jwasslux biex il-miżuri eżistenti jiġu emendati iżda biex dawn il-miżuri jitħassru jew jinżammu skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament bażiku.

Jekk xi parti interessata tqis li jkun ġustifikat li jsir rieżami tal-miżuri, sabiex ikun possibbli li l-miżuri jiġu emendati, din il-parti tista' titlob li jsir rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

Il-partijiet li jixtiequ jitolbu għal rieżami ta' dan it-tip, li jsir indipendentement mir-rieżami ta' skadenza msemmi f'din in-Notifika, jistgħu jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fl-indirizz mogħti hawn fuq.

13. **Ipproċessar ta' *data* personali**

Kwalunkwe *data* personali li tinġabar f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([26]).

Notifika dwar il-protezzjoni tad-*data* li tinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-data personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni hija disponibbli fis-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://europa.eu/!vr4g9W

([26]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ANNESS

☐	Verżjoni "sensittiva"
☐	Verżjoni għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati
(immarka l-kaxxa rilevanti)	

RIEŻAMI TA' SKADENZA TAL-MIŻURI ANTI-DUMPING APPLIKABBLI GĦALL-IMPORTAZZJONIJIET TA' ĊERTI TAJERS PNEWMATIĊI, ĠODDA JEW B'WIĊĊ ĠDID, TAL-LASTIKU, TAT-TIP UŻAT GĦALL-KAROZZI TAL-LINJA JEW GĦAT-TRAKKIJIET, B'INDIĊI TAT-TAGĦBIJA LI JAQBEŻ IL-121 LI JORIĠINAW MIR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

INFORMAZZJONI GĦALL-GĦAŻLA TAL-KAMPJUN TA' IMPORTATURI MHUX RELATATI

Din il-formola hija mfassla biex tgħin lill-importaturi mhux relatati jwieġbu għal talba għall-informazzjoni rigward il-kampjunar li saret fil-punt 5.3.3 tan-notifika ta' bidu.

Kemm il-verżjoni *Sensitive* (verżjoni sensittiva) kif ukoll il-verżjoni *For inspection by interested parties* (għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati) jenħtieġ li jintbagħtu lura lill-Kummissjoni kif stipulat fin-notifika ta' bidu.

1. DETTALJI TAL-KUNTATT U TAL-IDENTITÀ

Agħti dawn id-dettalji li ġejjin dwar il-kumpanija tiegħek:

Isem tal-kumpanija	
Indirizz	
Persuna ta' kuntatt	
Indirizz tal-Email:	
Telefon	
Numru tal-VAT	

2. FATTURAT U VOLUM TAL-BEJGĦ

Indika l-fatturat totali f'euro (EUR) tal-kumpanija, il-valur f'euro (EUR) u l-volum f'unitajiet tal-importazzjonijiet u l-bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni mir-RPĊ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami tal-prodott taħt rieżami kif definit fin-notifika ta' bidu.

	Unitajiet	Valur f'euro (EUR)
Fatturat totali tal-kumpanija tiegħek f'euro (EUR)		
Importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ		
Importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami (kwalunkwe oriġini)		
Bejgħ mill-ġdid fis-suq tal-Unjoni wara l-importazzjoni tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ		

3. **ATTIVITAJIET TAL-KUMPANIJA TIEGĦEK U TAL-KUMPANIJI RELATATI** ([1])

Agħti d-dettalji tal-attivitajiet eżatti tal-kumpanija u tal-kumpaniji relatati kollha (elenkahom u ddikjara r-relazzjoni tagħhom mal-kumpanija tiegħek) involuti fil-produzzjoni u / jew fil-bejgħ (f'esportazzjonijiet u / jew domestiku) tal-prodott taħt rieżami. Attivitajiet bħal dawn jistgħu jinkludu x-xiri tal-prodott taħt rieżami, il-produzzjoni tiegħu skont arranġamenti ta' sottokuntrattar, jew l-ipproċessar jew in-negozjar tal-prodott taħt rieżami, iżda mhumiex limitati għal dawn biss.

Isem u lokalità tal-kumpanija	Attivitajiet	Relazzjoni

4. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Agħti l-ismijiet tad-ditti importati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li l-kumpanija tqis utli biex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tal-kampjun.

5. **ĊERTIFIKAZZJONI**

Meta tipprovdi l-informazzjoni ta' hawn fuq, il-kumpanija tkun qed taqbel mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun. Jekk il-kumpanija tintgħażel biex tkun parti mill-kampjun, dan ifisser li trid timla kwestjonarju u li taċċetta żjara fil-post fejn tinsab biex jiġu vverifikati t-tweġibiet tagħha. Jekk il-kumpanija tindika li ma taqbilx mal-inklużjoni possibbli tagħha fil-kampjun, din se titqies li ma kkoperatx fl-investigazzjoni. Il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-importaturi li ma jikkooperawx jissejsu fuq il-fatti disponibbli u r-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-kumpanija milli kieku tkun ikkooperat.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat:

Isem u titlu tal-uffiċjal awtorizzat:

Data:

([1]) F'konformità mal-Artikolu 127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, żewġ persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju tal-persuna l-oħra; (b) ikunu msieħba rikonoxxuti legalment fin-negozju; (c) ikunu min iħaddem u l-impjegat; (d) parti terza tippossjedi jew tikkontrolla jew iżżomm direttament jew indirettament 5 % jew aktar tal-isthma bid-dritt tal-vot jew l-ishma pendenti tat-tnejn li huma; (e) waħda minnhom tikkontrolla direttament jew indirettament lill-persuna l-oħra; (f) it-tnejn li huma jkunu direttament jew indirettament ikkontrollati minn persuna terza; (g) flimkien jikkontrollaw persuna terza direttament jew indirettament; jew (h) ikunu membri tal-istess familja (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558). Persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom kwalunkwe waħda mir-relazzjonijiet segwenti ma' xulxin biss: konjuġi, (ii) ġenitur u wild, (iii) aħwa (sew jekk mill-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nannu jew nanna u neputi jew neputija, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenitur tar-rispett u wild tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. Skont l-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, "persuna" tfisser persuna fiżika, persuna ġuridika u kwalunkwe assoċjazzjoni ta' persuni li mhijiex persuna ġuridika iżda li hija rikonoxxuta taħt il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali bħala li jkollha l-kapaċità biex tagħmel atti legali (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).